MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 708/1998/1

**Avviz Nru 708/98 - DM**

**Maltacom plc**

**vs**

**Marisa Syed Sammut u b'digriet tal-14 ta' Jannar 2000 gie kjamat in kawza Shafiq Uzzamman Syed**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti ghal hlas ta' somma ta' erbgha mija u hamsa u tletin lira u tmienja u sittin centezmu (Lm435.68) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 664174 gia 784174 (skond kif jirrizulta mill-istatement anness mal-avviz Dok A) liema servizz gie stallat fil-fond 98, Santa Ubaldesca Street, Paola u dana skond ma kif jidher mill-anness mal-avviz Dok B.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-presenti, tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Awissu, 1997 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Marisa Syed Sammut fejn eccepiet illi:-

1 Fil-konfront taghha d-domani attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda stante illi l-ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku imsemmi fl-avviz huwa dovut minn Shafiquzzaman Syed li ghamel il-konsum hu u li ghalhekk ghandu jigi kjamat fil-kawza;
2 Salv kull eccezzjoni ulterjuri.

Rat in-noti tal-eccezzjonijiet tal-kjamat fil-kawza fejn eccepixxa bl-ingliz illi:

1 Preliminarily, defendant Shafiquzzaman Syed has no legal and juridical relationship whatsoever with plaintiff company Maltacom plc and therefore plaintiff company's demands and claims insofar that they are directed against Shafiquzzaman Syed are legally unfounded;
2 That the only legal and juridical relationship which exists with regards to telephone service number 664174, formerly 784174, is between plaintiff company and defendant Marisa Syed Sammut and hence the respondent Shaifquzzaman Syed is to be freed ' ab observantia';
3 Preliminarily, plaintiff 's demands, ' in toto' or 'in parte' are time-barred in terms articles 2149(e) of Cap.16 and/or 2156(f) of Cap. 16 of the Laws of Malta;
4 That plaintiff company's demands insofar as they are directed with regards to respondent Shafiquzzaman Syed are unfounded both in fact and at law and are to be rejected with costs against plaintiff company since respondent Shafiquzzaman Syed is not a debtor of plaintiff company.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Il-kontijiet ghas-servizz telefoniku li taghhom il-kumpanija attrici qed titlob li tithallas huma dawk indikati fl-istatement a fol 76 (tal-process) immarkat dokument NS1 fejn jirrizulta illi l-kjamati in kwistjoni u s-servizz moghti kienu saru bejn l-1 ta’ Lulju tal-1995 u it-22 ta’ Marzu tal-1997.

Il-kontestazzjoni tal-konvenuta pero’ tirrigwarda l-fatt illi ghalkemm kienet ghada mizzewga mal-kjamat fil-kawza, hija kienet telqet mid-dar konjugali ghal habta tal-1995 u l-kontijiet in kwistjoni jirreferu esklussivament ghal kjamati fil-perjodu meta kien jghix wahdu l-kjamat in kawza fid-dar konjugali, u ghalhekk l-konvenuta tippretendi li ma ghandha thallas ebda parti minn dan il-kont.

Jirrizulta indubjament illi l-kontijiet in kwistjoni, sa fejn jirreferu ghal perjodu fejn kienet ghada tezizti l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-konvenuta w il-kjamat in kawza, ghandhom ikunu ghad-debitu tal-istess komunjoni tal-akkwisti. Infatti l-applikazzjoni ghas-servizz kienet giet iffirmata mill-konvenuta ghan-nom taghha u ghan-nom ta’ zewgha, u ghalhekk l-istallazzjoni ghas-servizz telefoniku kienet saret fl-interess tal-komunjoni tal-akkwisti u dana anke minhabba l-fatt illi l-kjamat in kawza, billi ma kienx ta’ nazzjonalita’ Maltija, ma setghax japplika hu f’ismhu jekk mhux taht certi kondizzjonijiet sfavorevoli

Jirrizulta wkoll illi l-istess konvenut mhux biss jaccetta illi l-linja telefonika kienet uzata fl-interess tal-komunjoni tal-akkwisti izda anke accetta illi ghal dak li jirrigwarda t-telefonati illi ghamel huwa stess wara li marthu halliet id-dar konjugali, l-ispejjez taghhom ghandhom jkunu a karigu tieghu; infatti huwa ssostni illi kien ghadda cekk ta’ Lm100 ( mitt Lira Maltin) lill-marthu sabiex dina thallas l-arretrati in kwistjoni.

Izda la l-konvenuta u lanqas il-kjamat in kawza ma gabu provi dwar meta giet itterminata l-komunjoni tal-akkwisti bejnithom; anzi mid-deposizzjoni tal-konvenuta wiehed jista' jifhem illi il-komunjoni tal-akkwisti setghet damet zmien twil ma giet itterminata, u ghalhekk il-Qorti bilfors trid tikkunsidra illi l-kjamati kollha in kwistjoni huma a karigu tal-istess kommunjoni tal-akkwisti.

Jirrizulta ghalhekk illi l-konvenuti bhala kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti huma tenuti fil-konfront ta terzi li jhallsu nofs kull wiehed dak illi huwa dovut mill-istess komunjoni salv konteggi iktar fid-dettal bejn il-kompartecipi fil-kaz ta' terminazzjoni u likwidazzjoni tal-istess komunjoni.

Il-kjamat fil-kawza, li kif jirrzulta mill-provi, u mid-deposizzjoni tieghu stess, kien inkariga lill-konvenuta sabiex tmexxi hi kull trattattivi u r-relazzjonijiet tal-kommunjoni mal-kumpanija attrici, tant illi inkarigaha sabiex tapplika ghas-servizz telefoniku u anke sabiex taghmel il-pagamenti ghall-arretrati, ma jistghax illum jeccepixxi l-preskrizzjoni fil-konfront tal-kumpanija attrici meta din  hadet il-passi kollha, anke gudizjarji, fit-terminu debitu fil-konfront tal-konvenuta li ghandha titqies u qed tigi tenuta illi kienet qed tirrapprezenta l-kommunjoni tal-akkwisti u ghalhekk lill-istess kjamat fil-kawza ukoll.

Ghaldaqstant il-Qorti tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-preskrizzjoni sollevata mill-kjamat fil-kawza u billi ma saret ebda kontestazzjoni dwar l-ammont mitlub mill-kumpanija attrici qeghdha tilqa t-talba attrici fil-konfront tal-konvenuta kif ukoll fil-konfront tal-kjamat fil-kawza, izda biss minhabba l-fatt illi huma kompartecipi fil-komunjoni tal-akkwisti esitenti bejiethom, u tikkundanna lill-istess konvenuta w kjamat fil-kawza sabiex *in solidum* bejniethom ihallsu lill-kumpanija attrici s-somma mitluba ta' Lm435.68 (erba' mija u hamsa u tletin lira Maltin u tmienja u sittin centezmi) oltre l-imghax legali b'effett mill-14 t'April tas-sena 1998 u dan minghajr pregudizzju ghal kwalunkwe konteggi li jistghu jsiru bejn il-konvenuta w il-kjamat fil-kawza u salva kull azzjoni spettanti lill-konvenuta fil-konfront tal-kjamat fil-kawza *si et quatenus*.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta  w il-kjamat fil-kawza nofs kull parti.

---------------------------------TMIEM---------------------------------